"INĦOSSNI QIEGĦDA NIFGĦA, B'PIŻ KBIR, IL-PIŻ TAL-ISTAT FUQI"

– Yolanda Pantin, awtriċi mill-Venezwela

JEAN PAUL BORG

Il-Mediterran se jservi biex ilaqqa' 12-il awtur minn disa' pajjiżi waqt il-Festival Mediterranju tal-Letteratura ta' Malta. Waħda minn dawn l-awturi hija Yolanda Pantin mill-Venezwela, li hija intervistata hawnhekk minn Jean Paul Borg.

Fit-tmeninijiet ikkollaborajt mal-grupp Tráfico, u f'waħda mill-antoloġiji ta' dan il-grupp rebaħ premju letterarju. Hija normali l-kollaborazzjoni fil-poeżija fil-Venenzwela u l-bqija tal-Amerika Latina? X'jagħmel il-kollaborazzjoni speċjali?

Is-Snin Tmenin kienu attivi ħafna fil-Venezwela u l-bqija tal-Amerika Latina. Kien hemm għaqda kbira bejnietna anke jekk mhux dejjem kienet viżibbli, u jien kont hemm fil-qalba tagħha. Bħal ħafna poeti oħrajn kont nipparteċipa fi gruppi letterarji, l-aktar fi tnejn minnhom, il-grupp Calicanto li kien immexxi mill-kittieba Antonia Palacios. Wara ħriġt minn dan il-grupp u ssehibt fil-grupp Tráfico.

F'dawk is-snien ksibna il-Premju Fundarte de Poesia, li kien premju ta' ċertu prestiġju li kien jiġi mtella' mis-Sindku ta' Caracas. L-istat Venezwelan kien jappoġġja premji letterarji annwali, bl-aktar wieħed prestiġjuż ikun il-Premju Romulo Gallegos li kien jinkiseb minn kittieba importanti ħafna mill-Amerika Latina.

Kienet xena mill-aqwa li wasslet biex jitwaqqaf fond għall-pubblikaturi żgħar u li wassal għal pubblikazzjoni ta' mitt ktieb ta' poeżija, kollha ta' awturi ħajjin, Spanjoli, mill-Amerika Latina u anke traduzzjonijiet. Bħala appoġġ mill-istat, il-Venezwela u l-Messiku kienu simili ta' xulxin, u l-mod ta' kif appoġġjaw l-industrija tal-pubblikazzjoni kien ta' eżempju.

Inti l-ewwel u l-unika poeta Venezwelana li rbaħt il-Premio Casa de America de Poesia Americana. Xi jfisser dan għalik?

Għalija l-premji jinkisbu b'xi ftit ta' fortuna, ħekk inħares lejhom. Madankollu jkolli ngħid li meta ksibt dan il-premju, għamilt aktar kuraġġ biex inkompli naħdem u l-ktieb li kiseb dan il-premju ġie ppubblikat minn dar tal-pubblikazzjoni Visor li għandha netwerk ta' distribuzzjoni mill-aqwa fi Spanja u l-Amerka Latina.

Il-poeżija tiegħek ġiet deskritta bħala "waħda li għandha forza narrattiva u simbolika". Għaliex tuża l-poeżija biex tirrakkonta?

Xi poeżiji tiegħi jistrieħu fuq l-element narrattiv, imma mhux kollha. Normalment, fil-poeżiji twal nuża struttura narrattiva li tippermettili nasal għal konklużjoni imprevidibbli. L-element tal-misteru jeleva l-poeżija 'l fuq mill-istorja.

Inti ġbart speċifikament antoloġiji femminili. X'jagħmel il-poeżija femminili Venezwelana differenti?

Il-preżenza tal-kittieba femminili fil-Venezwela hija magħrufa sew. Il-poeżija moderna Venezwelana inbdiet minn Enriqueta Arvela Larriva. Is-siġra tal-poeżija Venezwelana moderna għandha ħafna friegħi ta' poeti nisa, li bil-mod li huma konxji mill-lingwa fetħu spazji ġodda għall-poeżija u wassluha f'postijiet distinti b'mod daqstant ieħor distint. Din hija l-importanza tal-poeżija femminili.

Ħafna mix-xogħlijiet tiegħek ġew tradotti f'lingwi differenti. Għandek ukoll poeżija fuq it-traduzzjoni. Kif thossok fuq il-poeżiji tiegħek tradotti?

Inħossni konvinta li l-ġabra ta' poeżiji tiegħi "Los Bajos Sentimientos" tradotta għall-Franċiż u ppubblikata f'Pariġi tissupera l-oriġinali li hija bl-Ispanjol.

Darba ġejt ikkwotata li "ilpoeta huma prodott tal-ispazju tiegħu, u jiena mill-Venezwela." X'jagħmel ilpoeżija tiegħek Venezwelana?

Dik hija l-idea tiegħi. Huwa fl-ispazju tiegħek, f'pajjiżek li tista' tinftiehem sew. Dan ma jfissirx li ma jistax ikollok interkambji kif filfatt kelli. Huwa fil-post tiegħek fejn tiġi mitkellma llingwa tiegħek, li hija l-lingwa materna li tinftiehem laħjar.

Madankollu ma nafx jekk il-poeżija tiegħi hix strettament Venezwelana, imma personalment għandi ġeruq profondi f'pajjiżi tant li l-volum li jiġbor il-poeżija kollha tiegħi jismu Païs (Pajjiż). Dawn l-ġeruq nafhom lill-antennati tiegħi u l-fundazzjoni ta' pajjiżi.

Bħalissa l-Venezwela għaddejja minn żmien straordinarju. Din is-sitwazzjoni, kif qed taffettwa l-letteratura Venezwelana u xoħlok?

Fil-Venezwela ilna snin issekkwestrati mill-politika tal-pajjiż u ħadd ma jista' jħaffilna dan il-pajjiż. Għoxrin sena mhumiex ftit. Inħossni qed nifga, b'piż kbir, il-piż tal-istat fuqi. Il-kotba li ppubblikajt f'dan iż-żmien għandhom il-marka ta' dan id-dulur u konfuzjoni. Din il-marka tinħass f'"El hueso pélvico" li ħriġt fl-2002, tkompli f'"País" li ħriġt fl-2007, f'21 "Caballos" li ħriġt fl-2011 u fl-aħħar żewġ kotba, "Bellas Ficciones" u "Lo que hace el tiempo" li ħriġt fl-2015 u 2017 rispettivament.

Il-Venezwela hija mbiegħda ħafna mill-Mediterran. Lewwel nett, grazzi kbira talli aċċettajt l-istedina għall-Festival Mediterranju tal-Letteratura Maltija. Nifhmu li se jkollok tgħaddi minn vjaġġ twil. Kif timmaġina l-Mediterran u Malta?

Ili nivvjaġġa mentalment minn meta kont tifla, u minn mindu kont tifla kont naf bil-Mediterran, minkejja li hija l-ewwel darba li se narah b'għajnejja.

Meta kont tifla, naqra l-kotba, u anke bħala adolexxenti kurjuża, Malta kienet post impossibbli, 'il boghod wisq.

Meta rċivejt l-invit biex nipparteċipa għall-Festival, ftaħt l-atlas li tajt lin-neputiju tiegħi ta' ħames snin u wrejtha fejn jinsab l-arċipelgu, u għaliha, bħalma kont jien fletà tagħha, Malta saret wegħda letterarja.

Inizjamed qed ittella' dan il-Festival bl-appoġġ tal-Kunsill Malti għall-Arti u l-Cultural Agreement Partnership.

Il-Festival qed jikkollabora wkoll ma' Literature Across Frontiers, Creative Europe u l-Għaqda tal-Malti – Università. Dan il-festival ingħata rikonoxximent internazzjonali permezz tat-timbru tal-EFFE Europe for Festivals, Festivals for Europe, u qed jissieħeb ukoll filprogett "Ir-Rotta tal-Feniċi" tal-Kunsill tal-Ewropa permezz tal-progett COSME tal-UE TRAMES.